KE-80-09-930-MT-C

www.2010againstpoverty.eu
2010againstpoverty@ec.europa.eu

Jinteressawk **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn **http://ec.europa.eu/social/publications**

Nistiednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika *Social Europe* tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq **http://ec.europa.eu/social/e-newsletter**

**http://ec.europa.eu/social/**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-13678-8

# SERVEJ TAL-EWROBAROMETRU
## FUQ IL-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI
## 2009



Kummissjoni Ewropea

2010
Is-Sena Ewropea
għall-Ġlieda kontra
l-Faqar u
l-Esklużjoni Soċjali

www.2010againstpoverty.eu

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

NOTIFIKA LEGALI

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Stampi Michel Loriaux © Unjoni Ewropea

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server *Europa* (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2009

ISBN 978-92-79-13678-8
doi: 10.2767/58522

© Unjoni Ewropea, 2009
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Ir-riproduzzjoni tar-ritratti mhux permessa.

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

Il-Kummissjoni Ewropea

**SERVEJ TAL-EWROBAROMETRU FUQ IL-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI | 2009**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2009 — 8 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-79-13678-8
doi: 10.2767/58522

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f'format stampat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

## Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

**Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:**
- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link http://bookshop.europa.eu, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

**Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**
- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link http://ec.europa.eu/ jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

## DAĦLA

Is-solidarjetà hi waħda mill-prinċipji li jmexxu l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li ċ-ċittadini kollha għandhom igawdu mill-benefiċċji fi żmien ta' ġid, filwaqt li jaqsmu t-toqol fi żminijiet diffiċli. Iżda kważi 80 miljun Ewropew jgħixu taħt il-linja tal-faqar, u ħafna jiffaċċjaw ostakli kbar biex ikollhom ix-xogħol, l-edukazzjoni, id-djar u s-servizzi soċjali u finanzjarji.

Għaxar snin wara li l-Kapijiet tal-Istati u l-Gvernijiet ikkommettew ruħhom għal sforz ewlieni kontra l-faqar fl-UE, is-sena 2010 ser timmarka s-**Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali**. L-għanijiet tagħha huma mifruxa fuq erba' objettivi wiegħsa u prinċipji li jmexxuha huma:

- għarfien tad-dritt li għandu min jgħix fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali, li jgħix b'mod dinjituż, u li jkollu sehem attiv fis-soċjetà;
- responsabbiltà komuni u parteċipazzjoni fil-ġlieda kontra l-faqar, b'emfasi fuq l-azzjoni kemm kollettiva kif ukoll individwali;
- il-promozzjoni tal-koeżjoni, bis-sottolinjar tal-vantaġġi kollha tal-eradikazzjoni tal-faqar, kif ukoll iżjed inklużjoni soċjali, għall-membri kollha tas-soċjetà;
- impenn politiku u azzjoni konkreta biex jinqerdu l-faqar u l-esklużjoni soċjali f'kull livell ta' gvern, kif ukoll impenn biex jintlaħqu dawn l-għanijiet fis-soċjetà.

Dan il-fuljett jagħti ħarsa lejn l-iżjed riżultati sinjifikanti minn stħarriġ tal-Ewrobarometru fuq il-faqar u l-esklużjoni soċjali li ħareġ f'Ottubru 2009.

L-istħarriġ ġie kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali (DĠ) għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs, tal-Kummissjoni Ewropea, u sar bejn it-28 ta' Awwissu u s-17 ta' Settembru 2009 *mit-TNS Opinion & Social network. Nota teknika dwar il-mod li bih saru l-intervisti mill-Istituti fi ħdan it-TNS Opinion & Social network ser tkun mehmuża bħala appendiċi mar-rapport sħiħ, flimkien mat-tabelli bir-riżultati.*

2010
Is-Sena Ewropea
għall-Ġlieda kontra
l-Faqar u
l-Esklużjoni Soċjali

## 1. ID-DAQS MAĦSUB TAL-FAQAR FL-UE

Kważi 80 miljun ruħ fl-UE, jew 16 % tal-popolazzjoni sħiħa tagħha jgħixu fil-faqar. Skont l-istħarriġ, l-Ewropej jiddefinixxu l-faqar b'modi differenti. Għal kważi kwart minnhom (24 %), in-nies ikunu foqra meta r-riżorsi tagħhom ikunu tant limitati li ma jistgħux jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà li fiha jgħixu. 22 % ieħor tal-poplu mistħarreġ iħarsu lejn il-faqar bħal meta wieħed ma jkunx kapaċi jixtri l-affarijiet bażiċi li wieħed għandu bżonn biex jgħix, waqt li 21 % jarawha bħala l-fatt li jkollok tiddependi fuq il-karità jew fuq is-sussidji. Minoranza mdaqqsa (18 %) temmen li l-poplu jkun fqir meta jkollu inqas mill-kriterju tal-faqar kull xahar minn fejn jgħix.

Kważi tliet kwarti (73 %) jemmnu li l-faqar f'pajjiżhom huwa mifrux. Iżda kemm il-faqar jidher li hu mifrux hija xi ħaġa li tvarja bil-kbir minn pajjiż għall-ieħor.

**Kemm taħseb li l-faqar (F'MALTA) hu mifrux?**




Iżjed minn tmienja minn kull għaxar Ewropej (84 %) jaħsbu li l-faqar żdied f'pajjiżhom fl-aħħar tliet snin. Iżjed min-nofs iċ-ċittadini tal-Ungerija (64 %), tal-Latvja (62 %) u tal-Greċja (54 %) jemmnu li l-faqar "żdied bil-kbir".

## 2. IR-RAĠUNIJIET MAĦSUBA GĦALL-FAQAR

Il-faqar jista' jkun spjegat kemm b'fatturi relatati mas-"soċjetà" kif ukoll dawk "personali". Qgħad għoli, pagi u salarji insuffiċjenti huma l-iżjed spjegazzjonijiet magħrufa tas-"soċjetà" għall-faqar, filwaqt li nuqqas ta' edukazzjoni, taħriġ jew ħiliet, kif ukoll faqar li "jintwiret" u l-vizzji huma l-iżjed raġunijiet "personali" wara l-faqar.

**Fl-opinjoni tiegħek liema huma ż-żewġ affarijiet minn din il-lista li jistgħu jispjegaw għaliex in-nies huma daqshekk foqra?**




**Jekk taħseb fuq in-nies fqar, liema tnejn minn dawn jispjegaw bl-aħjar mod għaliex huma foqra?**
**(ROTATE – MASS. 2 RISPOSTI)**




Edukazzjoni, taħriġ jew ħiliet inadekwati jidhru bħala r-raġunijiet għall-faqar minn 53 % tal-popolazzjoni mistħarrġa fl-Olanda, u 51 % kemm fid-Danimarka u kemm fil-Ġermanja. Fl-Ewropa tan-nofsinhar – u b'mod partikolari f'Ċipru (44 %) – il-faqar jarawh primarjament bħala problema li "tintiret". L-Ewropej tan-nofsinhar ipoġġu emfasi iżjed qawwija fuq il-familja u r-rabtiet tal-komunità (p.e. 32 % ta' dawk li wieġbu fil-Portugall jemmnu li l-poplu hu fqir għax ma jirċevix biżżejjed appoġġ mill-familja jew mill-ħbieb).

F'ħafna pajjiżi, il-faqar huwa marbut kemm mal-prezz għoli tad-djar: 67 % tal-Ewropej jarawha diffiċli jsibu djar deċenti bi prezzijiet raġjonevoli. Din il-fehma hi partikolarment komuni wkoll fir-Repubblika Ċeka u f'Ċipru (it-tnejn 89 %), kif ukoll fil-Lussemburgu, Malta (it-tnejn 86 %) u fis-Slovakkja (84 %).

## 3. MIN HU MEQJUS L-IŻJED FIR-RISKJU TAL-FAQAR?

Iżjed min-nofs l-Ewropej (56 %) jemmnu li dawk qiegħda huma l-iżjed fir-riskju tal-faqar. Min-naħa l-oħra, 41 % jemmnu li l-anzjani huma l-iżjed vulnerabbli, u 31 % jaraw lil dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni, taħriġ jew snajja bħala l-iżjed f'riskju. Kategoriji soċjali oħra kkunsidrati vulnerabbli mill-Ewropej huma nies f'qagħda prekarja ta' impjieg, nies b'diżabilità, u dawk li jbatu minn xi forma ta' mard fit-tul.

**Fil-fehma tiegħek, liema minn dawn il-gruppi fi ħdan il-popolazzjoni ta' (F'MALTA), huma l-iżjed fir-riskju tal-faqar?**




L-istħarriġ juri wkoll li l-età għandha sehem importanti fl-opinjoni pubblika fir-rigward tal-vulnerabbiltà tal-anzjani: ħafna inqas żgħażagħ Ewropej (b'età bejn 15-24 sena) milli Ewropej 'ixjaħ' (b'età ta' 55 sena jew iżjed) jaħsbu li l-anzjani huma l-iżjed fir-riskju tal-faqar (33 % vs. 45 % rispettivament).

## 4. LIEMA EWROPEJ JEMMNU LI HUMA PERSONALMENT QEGĦDIN FIR-RISKJU?

Filwaqt li hu maħsub li l-faqar huwa mifrux u qed jiżdied, ħafna mill-Ewropej ma jaħsbux li huma stess jinsabu fir-riskju tal-faqar.

Skont numru ta'"testijiet għar-riskju" – bħalma li tkun tista' tlaħħaq mal-ispejjeż u l-kapaċità li tħallas il-kontijiet, li tħoss ir-riskju li jkollok wisq dejn, li tistenna li tibqa' taħdem (jew le) u r-riskju maħsub li tispiċċa bla dar – jidher li ħafna Ewropej huma fiduċjużi dwar is-sitwazzjoni personali tagħhom.

**Familja jista' jkollha sorsi differenti ta' dħul u iżjed minn membru wieħed jista' jikkontribwixxi.
Jekk taħseb dwar id-dħul tal-familja tiegħek kull xahar, il-familja tiegħek kapaċi tlaħħaq ...?**

| | Faċli | Hekk u Hekk | Diffiċli | Ma nafx |
|---|---|---|---|---|
| UE 27 | 30 % | 56 % | 12 % | 2 % |
| DK | 57 % | 37 % | 5 % | 1 % |
| SE | 53 % | 41 % | 4 % | 2 % |
| NL | 50 % | 40 % | 8 % | 2 % |
| LU | 47 % | 46 % | 5 % | 2 % |
| DE | 45 % | 45 % | 9 % | 1 % |
| AT | 43 % | 50 % | 6 % | 1 % |
| FI | 43 % | 53 % | 3 % | 1 % |
| BE | 38 % | 50 % | 11 % | 1 % |
| UK | 35 % | 54 % | 8 % | 3 % |
| SI | 33 % | 54 % | 13 % | - |
| IE | 30 % | 54 % | 10 % | 6 % |
| ES | 28 % | 60 % | 10 % | 2 % |
| FR | 25 % | 62 % | 12 % | 1 % |

| | Faċli | Hekk u Hekk | Diffiċli | Ma nafx |
|---|---|---|---|---|
| IT | 24 % | 61 % | 13 % | 2 % |
| MT | 24 % | 65 % | 9 % | 2 % |
| SK | 24 % | 63 % | 13 % | - |
| CY | 23 % | 54 % | 23 % | - |
| PL | 21 % | 59 % | 17 % | 3 % |
| PT | 21 % | 62 % | 15 % | 2 % |
| EE | 20 % | 65 % | 13 % | 2 % |
| LT | 20 % | 60 % | 18 % | 2 % |
| CZ | 17 % | 69 % | 13 % | 1 % |
| LV | 12 % | 56 % | 30 % | 2 % |
| EL | 11 % | 54 % | 35 % | - |
| RO | 9 % | 63 % | 24 % | 4 % |
| BG | 5 % | 52 % | 40 % | 3 % |
| HU | 5 % | 61 % | 34 % | - |

Ir-riskju perċettebbli tal-faqar skont dawk qiegħda huwa ħafna iżjed b'saħħtu mill-medja tal-UE:

- Iħossu d-doppju tar-riskju li jkollhom wisq dejn (50 % vs. il-medja tal-UE ta' 27 %).
- Għandhom id-doppju taċ-ċans li jkollhom diffikultajiet kostanti li jlaħħqu mal-kontijiet u l-impenji fuq il-kreditu (46 % vs. 21 %).
- Isibuha kważi tliet darbiet iżjed diffiċli fid-dar tagħhom biex ilaħħqu mal-ispejjeż (31 % vs. 12 %).
- Jemmnu li għandhom id-doppju taċ-ċans li jispiċċaw bla dar (16 % vs. 7 %).

## 5. XI JFISSER IL-FAQAR

L-Ewropej li għandhom problema biex ilaħħqu mal-ispejjeż huma ħafna inqas sodisfatti b'ħajjithom mill-medja. Huma wkoll inqas sodisfatti b'saħħithom u bil-ħajja tal-familja.

| Sodisfazzjon bil-… (skor medju fuq skala minn 1-10 fejn 1 huwa l-inqas sodisfatt u 10 huwa l-iżjed sodisfatt) | *Skor medju tal-UE 27* | Il-kapaċita tal-familja li tlaħħaq mal-ispejjeż | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Faċli | Medju | Diffiċli |
| … ħajja in ġenerali | *6.9* | 7.8 | 6.7 | 4.9 |
| … saħħa personali | *7.2* | 7.6 | 7.2 | 6.3 |
| … ħajja fil-familja | *7.7* | 8.2 | 7.7 | 6.7 |

Dawn mhumiex l-uniċi implikazzjonijiet li jirriżultaw mill-faqar. Kważi disgħa minn kull għaxar Ewropej (87 %) jemmnu li l-faqar ixekkel iċ-ċans tal-persuni li jkollhom aċċess għal djar deċenti, tmienja minn kull għaxra jemmnu li jekk tkun fqir jillimitalek l-aċċess għall-edukazzjoni għolja jew għat-tagħlim tal-adulti, u 74 % jemmnu li dan ixekkel iċ-ċans tagħhom li jsibu mpjieg. Il-maġġoranza tal-Ewropej (60 %) jemmnu li l-aċċess għal edukazzjoni bażika u deċenti fl-iskola tkun affetwata, u 54 % jemmnu li l-abbiltà li jżommu netwerk ta' ħbieb u nies li jafu huwa limitat mill-faqar. Ħafna jsibu wkoll li ma jaffordjawx is-servizzi pubbliċi, forsi dan jispjega għalfejn il-faqar jidher li jillimitalhom l-aċċess.

- → B'popolazzjoni li qed tixjieħ, servizzi ta' kura fit-tul huma kawża għat-tħassib: 45 % jaħsbu li ma jaffordjawhomx. Madwar terz (35 %) iħossu wkoll li l-kura tat-tfal tiswa wisq, waqt li 34 % jħossu l-istess ħaġa fir-rigward tas-servizzi soċjali fil-qasam tad-djar.

Waqt li l-maġġorparti tal-Ewropej ma jirrappurtawx diffikultajiet biex ikollhom aċċess għas-servizzi finanzjarji, l-istampa għal dawk l-iżjed vulnerabbli hi differenti.

- → **Il-qiegħda:** sebgħa minn kull għaxar Ewropej qiegħda jsibuha diffiċli li jakkwistaw self għal dar, waqt li l-mejda tal-UE ta' nies li jiffaċċjaw diffikultajiet f'dan il-qasam hi ta' 49 %. 58 % tal-qiegħda, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 34 %, għandhom problema biex jieħdu self, u 47 % jsibuha diffiċli li jkollhom karta ta' kreditu (fejn il-medja Ewropea hi ta' 27 %).
- → **Ewropej li għandhom diffikultà biex ilaħħqu mal-ispejjeż:** kważi tlieta minn kull erbgħa minn dawn iċ-ċittadini (72 %) jsibuha diffiċli biex jieħdu self fuq dar, 64 % isibuha diffiċli jieħdu self, u 55 % isibuha diffiċli li jieħdu karta ta' kreditu.

### L-esklużjoni finanzjarja: problema ewlenija

Ladarba n-nies isiru foqra, jista' jkun diffiċli ħafna li taħrab miċ-ċiklu tal-faqar. Tqabbil nazzjonali juri differenzi saħansitra ikbar meta niġu għas-servizzi finanzjarji:

**Self fuq id-djar:** 20 % biss fil-Finlandja jgħidu li għandhom diffikultà, meta mqabbel ma' 90 % fi Spanja.

**Self tal-konsumatur:** it-tweġibiet varjaw minn 12 % biss fil-Finlandja li qalu li għandhom problema biex jieħdu self, għal maġġoranza kbira ta' 78 % fi Spanja. Tal-inqas nofs dawk li wieġbu fil-Bulgarija (53 %) u f'Ċipru (50 %) wkoll irrappurtaw diffikultajiet.

**Karta ta' kreditu:** in-numru ta' nies li għandhom diffikultà biex sempliċiment ikollhom karta ta' kreditu jvarja minn 12 % fl-Olanda u fl-Iżvezja għal 55 % fi Spanja.

## 6. NIĠĠIELDU L-FAQAR

Bħala medja, 89 % mill-Ewropej jgħidu li hemm bżonn ta' azzjoni urġenti mill-gvernijiet nazzjonali tagħhom sabiex jiġġieldu l-faqar. (graff 1)

Din l-opinjoni mhix biss ta' dawk li qed ibatu biex jgħixu; 85 % ta' dawk li wieġbu, u li huma klassifikati bħala benestanti skont id-dħul tagħhom, jaqblu li l-faqar huwa problema li għandu bżonn azzjoni urġenti min-naħa tal-gvern.

**Għal kull wieħed minn dawn l-istqarrijiet, għid kemm taqbel jew ma taqbilx li ... Il-faqar (F'MALTA) hu problema li jeħtieġ azzjoni urġenti mill-Gvern.**




graff 1

**Kemm taħseb li hu importanti r-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-faqar?**




graff 2

Anke jekk l-Ewropej ma jħarsux lejn l-Unjoni Ewropea bħala dik primarjament responsabbli għall-ġlieda kontra l-faqar, ir-rwol tagħha huwa minkejja xejn meqjus importanti minn ħafna (28 % jarawh bħala 'importanti ħafna', u 46 % bħala 'ftit jew wisq importanti').

Il-fehma li l-UE għandha sehem important fil-ġlieda kontra l-faqar hi mifruxa mal-Ewropa kollha, bl-iżjed qbil insibuh f'Malta (93 %) u fis-Slovakkja (91 %).

**Fil-fehma tiegħek, minn din il-lista, min hu l-iżjed responsabbli biex inaqqas jew jipprevjeni l-faqar f'pajjiżna (F'MALTA)?**




Madwar l-Ewropa, 53 % iħossu li l-gvernijiet nazzjonali tagħhom huma responsabbli sabiex jiġġieldu l-faqar. Fuq livell nazzjonali, il-proporzjon ta' nies li jemmnu f'dan ivarja minn 24 % (fi Franza) sa 85 % (fil-Bulgarija). Pajjiżi oħra fejn iżjed minn tliet kwarti taċ-ċittadini jaraw ir-rwol tal-gvern bħala fus ewlieni huma l-Ungerija (80 %) u l-Latvja (77 %). Protagonisti ewlenin oħra huma meqjusa bħala responsabbli biex jieħdu azzjoni:

- Iżjed minn kwart ta' dawk li wieġbu fl-Olanda jħossu li l-ġlieda kontra l-faqar hija primarjament ir-responsabbiltà taċ-**ċittadini nfushom** (27 % vs. l-mejda tal-UE ta' 13 %). Il-Finlandja hi l-uniku Stat Membru ieħor fejn iżjed minn wieħed minn kull ħamsa persuni jaħsbuha hekk (22 %).
- Iżjed minn kwart ta' dawk li wieġbu fi Franza jemmnu li l-ġlieda kontra l-faqar hija primarjament ir-responsabbiltà tal-**ONG jew dawk ta' karità** (26 % vs. medja tal-UE ta' 7 %).
- Fil-Greċja, 23 % jemmnu li l-ġlieda kontra l-faqar hija primarjament ir-responsabbiltà tal-**Unjoni Ewropea** (vs. medja tal-UE ta' 9 %). Fil-Lussemburgu, 20 % għandhom din il-fehma.

## KONKLUŻJONI

Iċ-ċittadini tal-UE huma konxji tassew mill-kobor tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fis-soċjetà tal-lum: kważi tlieta minn kull erbgħa jħossu li l-faqar f'pajjiżhom huwa mifrux sew, anke jekk il-fehmiet ivarjaw bil-kbir fost l-Istati Membri. Il-fehma tan-nies ta' xi jfisser li tkun fqir huwa li jkollok riżorsi tant limitati li n-nies ma jkunux jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, ma jkunux jistgħu jaffordjaw il-prodotti bażiċi li wieħed għandu bżonn biex jgħix, jew li jkollu jiddependi fuq il-karità jew is-sussidji pubbliċi.

Iżjed minn 80 % tal-Ewropej jirrappurtaw li l-faqar żdied f'pajjiżhom fl-aħħar tliet snin. Din is-sejba trid tinftiehem iżda fil-kuntest tal-kriżi ekonomika ta' bħalissa, li jaf ikollha konsegwenzi fit-tul għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE.

Il-qgħad, il-pagi u s-salarji li mhumiex għoljin biżżejjed li jlaħħqu mal-għoli tal-ħajja huma l-iżjed spjegazzjonijiet għall-faqar li jiddependu fuq is-"soċjetà". Raġuni oħra maħsuba għall-faqar hija l-prezz għoli tad-djar: żewġ terzi tal-Ewropej isibuha diffiċli li jkollhom dar deċenti bi prezz raġjonevoli. L-iżjed raġunijiet personali li jissemmew u li jwasslu għall-faqar huma nuqqas ta' edukazzjoni, taħriġ jew ħiliet, faqar li jkun "intiret" kif ukoll il-vizzji.

L-istħarriġ ikkonferma l-vulnerabbiltà maħsuba ta' dawk qiegħda: iżjed min-nofs l-Ewropej jemmnu li dawk qiegħda huma l-iżjed fir-riskju tal-faqar. Kważi nofshom jemmnu li dawk qiegħda għandhom jitqiesu bħala prijorità sabiex jirċievu l-assistenza soċjali. L-anzjani huma meqjusa wkoll bħala kategorija soċjali vulnerabli.

Dawk qiegħda jħossu lilhom infushom fir-riskju tal-faqar ħafna iżjed spiss minn Ewropej oħrajn. Apparti dan, l-istħarriġ jagħti evidenza tal-hekk-imsejħa nassa tal-faqar: ladarba n-nies tiftaqar, ikun diffiċli ħafna li taħrab miċ-ċiklu tal-faqar. L-istħarriġ juri, per eżempju, li kważi 75 % ta' dawk li jsibuha diffiċli jlaħħqu mal-ispejjeż isibuha diffiċli li jieħdu self fuq id-dar, kważi terz minn dawk li għandhom xi problemi jieħdu self mill-bank, u iżjed min-nofs isibuha diffiċli li jingħataw karta ta' kreditu.

Il-poplu jħoss li l-faqar huwa problema li għandha bżonn azzjoni urġenti: disgħa minn kull għaxra jaqblu li din l-azzjoni għandha tiġi mill-gvern tagħhom. Iżjed min-nofs dawk li wieġbu jżommu responsabbli lill-gvern tagħhom sabiex inaqqas jew jipprevjeni l-faqar.

Fl-aħħarnett, kważi tliet kwarti miċ-ċittadini Ewropej jemmnu li l-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra l-faqar.